Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAR-RABA LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 14 ta' Mejju 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI (Skuzat) |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Seduta giet mmexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku. Is-Sur Herbert Messina Ferrante nforma lis-Segretarju Ezekuttiv li kien ha jkun ftit tard filwaqt li s-Sur John P. Bonnici prezentalha kopja tal-biljett tas-safar li ghal-lum kien ha jinsab imsiefer
.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**

Il-minuti gew approvati wara li saret korrezzjoni mis-Sur Gerald Borg rigward il-linja,(isiru zewg quddisiet ghar-ruh l-eks Sindku Norbert Pace)... fejn ghandhom jizdiedu il-kliem (u is-Sur Karmenu Dingli).

**2. LAQGHA MAL-MEMBRI TAL-MEUSAC**

Is-Sinjorina Alison Camilleri u s-Sur Alan Buhagiar attendew din il-laqgha u bdew billi qalu li l-ghan taghna hu li nghinu l-Kunsilli rigward progetti li jistghu jigu finanzjati u prijoritajiet. Barra minn hekk nghinu wkoll lill-Kunsilli Lokali fi Progetti Kapitali bhal tisbieh tal-Pjazez ecc. Is-Sinjorina Camilleri qalet li kif appena l-Meusac tkun taf b'xi fondi tal-EU li huma addatti ghall-Kunsill, huma jahsbu ghalihom minn qabel. Hi qalet ukoll li hafna Kunsilli jmorru ghall-progetti kbar. Is-Sur Remigio Bartolo qal li kif kien qal qabel is-Sur Mario Borg, il-Kunsill jista' japplika wkoll ghall-progetti ta' restawr. Is-Sur Cassar qal li originarjament il-Kunsill kien ha jibda xi haga fuq l-*embankment* fi Triq il-Linja imma minhabba nuqqas ta' nformazzjoni fuq fondi u ovvjament nuqqas ta' fondi dan ma tkompliex ghalkemm hemm il-bidu u hemm Perit li ha jlesti rapport. Is-Sinjura Camilleri qalet li progetti bhal restawr ta' nicec u statwi ikollhom bzonn applikazzjoni sabiex dawn jigu devoluti lilna. Is-Sur Cordina saqsa jekk il-Kunsill jistax japplika ghall-progetti tal-gharghar. Is-Sinjorina Camilleri qalet li hemm fondi taht l-URBACT li jkunu progetti bi shab fuq bazi nazzjonali. Ghall-progetti tal-gharghar, hi kompliet, li dawn il-progetti tal-gharghar, bhal meta, per ezempju isiru culverts fit-toroq residenzjali normalment jaqghu taht il-fondi li ghandhom il-Ministeru tal-MRRA. Hi qalet li bhalissa qed jahdmu fuq progetti mahruga bejn 2007-2013 u normalment bhala progetti johorgu ghall-Ministeri biss.

Qalet li hemm progetti bhal dak tal-Pjazza ta' Hal Balzan per ezempju, hemm dawk hekk imsejjha ERDF u Leader Majjistral u ohrajn ESF, li huma iktar iffokati fuq training. Is-Sur Ralph Cassar saqsa jekk il-Kunsill jistax jakkwista fondi ghal-librerija li tkun amalgamata

ma' Centru Civiku. Hi qalet li hemm wiehed li kien applika ghalih il-Ministeru tal-Edukazzjoni u li kienu wrew interess ukoll xi Kunsilli Lokali li ghalih kien hemm il-fond ta' €6,000,000. Kien ghalhekk li l-EOI kienet ghalqet biex terga' tohrog sejha u jkun hemm iktar interess minn xi Kunsilli Lokali.

Is-Sur Buhagiar qal li l-Kunsill irid jaghmel studju zghir ghalfejn huwa bzonnjuz kull progett.
Is-Sur Bartolo qal li kien ghalhekk li l-Kunsill qed jghaqqad l-ufficcini mal-affarijiet civili speci ta' Centru Civiku sabiex ikun iktar facli biex timtela' l-applikazzjoni. Is-Sur Spiteri dahal f'dan il-waqt. Is-Sur Bartolo qal li l-Kunsill jista' jipprepara speci ta' *shopping list*. Is-Sur Buhagiar qal li huma ha jibghatu speci ta' dokumentazzjoni li tkun tista' tghin lill-Kunsill fil-mili tal-applikazzjonijiet u sabiex il-Kunsill jipprepara prijoritajiet biex ikun jista' jibbenefika minn Progetti li jkunu utli u li mhux issir applikazzjoni ghall-progett u wara ma jkunx hemm co-finanzjament. Is-Sur Bartolo saqsa rigward fondi ghall-gemellaggi liema fondi huma disponibbli u jkopru certu spejjez bhal meta jingiebu studenti minn barra. Qal ukoll li hemm il-programm Youth in Action, liema sejha ha tiftah f'Ottubru li gej. Il-Youth in Action ikopri wkoll studji fejn zghazagh anka jinteressaw ruhhom fil-fondi tal-MEUSAC u sahansitra, xi whud gew finanzjati sabiex jaghmlu l-istudji taghhom fuqhom. Is-Sinjorina Camilleri qalet li jistghu jigu nvoluti zghazagh minn NGOs. Is-Sur Spiteri qal wkoll li kien hawn xi zghazagh inginiera li xtaqu japplikaw fuq progett tal-MEUSAC. Hi qalet li tiftakar li kienu grupp mill-Universita' imma li kienu wrew interess tard u ma lahqux. Saqsiet ukoll jekk il-Kunsill Lokali hux membru tal-Covenant of Mayors. Is-Sur Cordina qal li meta nghaqad dan il-grupp ma kienx Sindku hu. Qalet li dawn iffirmaw patt, li mhux *legally binding* sabiex ikunu membri ta' cirku fejn ikun qed jigi promowtjat l-ambjent u iktar facilitajiet ta' energija solari.

Qalet li Malta hija kkunsidrata wahda mill-ifqar regjuni u ghalhekk jigu *capped* iktar fondi u tinghata l-massimu tal-fondi. Kompliet billi qalet li permezz ta' din il-laqgha, issa jista' jsir funding plan u li huma hadu nota tal-prijoritajiet kollha. Is-Sur Buhagiar qal li l-Kunsill jrid jirregistra ghall-funding 360. Qal li l-Kunsill huwa registrat diga imma jekk wiehed irid jirregistra personali wiehed jista' jirregistra wkoll. Is-Sinjura Camilleri qalet li anka fuq safar u skambji is-Subsistance Allowance qieghda Euro 1200 u qeghda generuza hafna. Qalet ukoll li hemm hafna korsijiet taht l-ESF fejn jistghu anka jintbaghtu s-Segretarji Ezekuttivi u li qed isiru korsijiet mis- CDRT dwar e-procurement sabiex eventwalment, it-tenders jibdew jinhargu online. Il-Laqgha mas-Sinjuri giet fi tmiemha u tkompliet is-seduta skond l-Agenda.

**3. PROGRESS GNIEN HAL-WARDA**

Is-Sur Cordina qal li l-porfido lest u inghataw zewg passati zebgha l-hitan. Qal ukoll li ghandu 99% approval li l-Kunsill inghata l-fondi kollha ghall-apparat ta' dan il-gnien. Is-Sur Cassar qal li rigward is-sigar l-ahjar li dawn jinxtraw u jitkabbru mis-Sur Joey Gauci sakemm ikun il-waqt u z-zmien li dawn jinzerghu. Is-Sur Gerald Borg staqsa ghala se jsiru CCTV cameras. Is-Sur Cordina qal li dawn qed isiru minhabba l-vandalizmu. Is-Sur Borg saqsa ghala ma jsirux CCTV f'Mosta Road. Is-Sur Cordina irrisponda billi qal li jekk isiru CCTV ghall-monitoragg ta' dhul kontra no entry signs dawn iridu jkunu sostenibbli u ovvja li jekk ha jsiru, ha jsiru a deskapitu ta' dawk li iktar ma hemm problema ta' parking, u qed jipparkjaw kif jistghu, ha jbaghtu u jaqilghuha wkoll. Is-Sur Borg saqsa jekk hajja ta' bniedem hix iktar importanti minn CCTV go gnien jew a deskapitu ta' min jipparkja hazin. Is-Sur Cordina qal li meta kien hemm il-cameras fi Triq il-Mosta, apparti li din ma kienetx taqbad *moving vehicles* kienu jehluha dawk kollha li jkunu qed jigbru l-uliehom mill-iskola u ma jistax ikun li dawn ikunu haruf tas-sagrificcju. Is-Sur Cassar saqsa jekk hux qed isiru laqghat mal-Pulizija. Is-Sindku qal li kumbinazzjoni ghandu laqgha ghada. Is-Sur Cassar qal li fir-rapport tat-30km hemm imnizzel li ghandha tinghata mportanza lill-immaniggjar ta' traffiku. Is-Sur Borg qal li fl-opinjoni tieghu m'ghandux ghalfejn ikun hemm Gwardjan u Pulizija fi Triq Hal Warda. Is-Sur Spiteri qal li jistghu jinxtraw bhal apparat li kif titla fuqhom u tkun kontra d-direzzjoni tat-traffiku ghal dak il-mument, jew

f'toroq li huma direzzjoni wahda, din il-pjanca titla u ma thallix il-vetturi jghaddu. Ghandu jigi ccekkjat jekk dawn jeziztux hawn Malta u fil-kaz kemm hu il-prezz taghhom.
Is-Sur Cordina qal li skond il-ligi harget sejha ghal kwotazzjonijiet ta' din is-CCTV fil-gazzetta u ghaliha il-Kunsill ircieva 6 kwotazzjonijiet. Hu elenka kull kwotazzjoni x'kienet tkopri u jekk din kienetx mal-esigenzi tal-Kunsill. Fost il-prezzijiet sottomessi, irrizulta li l-iktar kwotazzjoni konvenjenti dettaljata u addattata ghax xoghol li jrid il-Kunsill, kienet dik ta' Telecom, ghas-somma ta' Euro 4,373.13. Il-Kunsill laqa' u accetta din l-offerta.

**4. GEMELLAGGI**

Is-Sur Bartolo qal li kien bghat reminder lill-Ambaxxatrici tat-Tunisia imma din ma rrispondietx. Hu qal li ha jibqa jipprova u ha jinforma l-Kunsill bl-andament u progress anka ghaliex hemm interess minn Belt Franciza sabiex isir gemellagg maghha u l-Kunsill diga rcieva korrispondenza mill-Ambaxxatur Malti go Franza, l-Onorevoli P. Clive Agius.

**5. JUM H'ATTARD**

Is-Sur Cordina qal li saru l-arrangamenti mal-banda u l-Accordion Band sabiex jinzamm Jum H'Attard fit-8 ta' Gunju. Is-Sur Bartolo qal li kienet ideja tajba li dak in nhar tal-vizita ta' kortezija tal-President gie suggerit li jintuzaw il-gonna privati tal-President u li jsir fid-9 ta' Gunju flok fit-8 ta' Gunju. Is-Sur Cordina qal li t-8 ta' Gunju jahbat gheluq it-18-il sena minn meta giet ffurmat l-ewwel Kunsill Lokali u li meta informa il-banda u l-Accordion Band dwar it-tibdil fid-data mit-8 ghad-9, dawn infurmawh li ma setghux. Ghalhekk thalla kollox ghat-8 ta' Gunju. Is-Sur Bartolo qal li xorta l-Kunsill jista' jzomm attivita f'dawn il-gonna. Is-Sur Cassar qal li din is-sena jahbat l-anniversarju tal-Konvoj Weekend ta' qabel Sta Marija. Ghalhekk gie deciz li l-attivita tinzamm fil-11 ta' Awwissu u li jsir kuntatt ma' kantanti ta' talent lokali bhal David Chircop, Neville Refalo ecc filwaqt li il-catering ikun kollu privat.

Rigward in-nomini, gie suggerit li xi hadd jinnomina lil Henry Frendo, il-Kappillan, Joseph Calleja, Emmanuel Mifsud, l-Ghaqda Armar ecc, kif ukoll li waqt din is-serata jinghata unur lil dak il-Pulizija Robert Vassallo li ghamel unur lil H'Attard billi sfratta serqa minn go garaxx kif ukoll qabad lil dawk il-hallelin li kienu qed jisirqu ic-cilindri tal-gass.

**6. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Proposti ghall-Prijotitajiet tal-Meusac sabiex membri mill-Kunsill jiltaqghu fl-laqgha separata
- Li ssir vizita ta' kortezija lill-Ambaxxtrici gdida Amerikana

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- L-istudenti tal-Medicina ikkonfermaw il-Health Fest ghat-22 ta' Lulju li jahbat il-Hadd filghodu
- It-tieni gurnata ta' Refab issir fit-2 ta' Gunju
- Li jekk il-Bazaar tal-parrocca icemplu ghal Bulky Refuse biex jarmu l-hwejjeg uzati, jerfghuhom ghal dakinhar
- Staqsa dwar l-iskart tar-restorant Jalie's u kif dan qed jingabar. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li dan qed jingabar privatament.
- Li tintbaghat ittra lil-Arriva kif sa jtejbu l-hinijiet minhabba li dawn qatt ma jzommuhom .
- Talab biex jitnaddfu l-Bus shelters ta' Triq il-Mosta. U li hemm certu bus stops li joqghodu tip ta' bus shelters mhux goffi li ghalihom ipproduca zewg sample photos. Ghandu jigi ccekkjat mal-MEPA xi procedura trid tigi addottata u jingabru kwotazzjonijiet.

- Qal li fela sew ir-rapport ta' 30k, u li hemm xi toroq li l-ispeed gie accettat bhal Triq il-Linja, Tursin ir-Rih, ecc

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Li Triq il-Linja issir One-Way mis-Supermarket sal-Ambaxxata Amerikana minhabba periklu li t-triq giet dejqa ghal two way u peress li jipparkjaw maz-zewg nahat tat-triq u jghaddu hafna vetturi goffi.
- Fi Triq l-Imdina, madwar mitt metru 'l isfel mill-entratura tal-Isptar Monte Carmeli fuq l-istess naha hemm arblu tad-dawl f'nofs bankina dejqa li hu ta' periklu ukoll fejn it-triq tidjieq, meta tikkunsidra li vetturi goffi ikunu telghin b'certu velocita lejn id-direzzjoni tar-Rabat.
- Isiru bankini fejn m'hemmx jew ahjar linji ghal pedestrians maz-zewg nahat ta' Triq Haz-Zebbug.
- Accenna dwar il-bzonn ta' berga tas-sahha li ghall inqas tiftah kuljum b'servizz ta' ners u tabib. Is-Sur Bartolo qal li qed jaghmel kuntatt mal-berga tar-Rabat

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li jixtieq li Qrib San Anton hemm bicca hamrija u din terga tibda tintghazaq.
- Li jitkompla il-hedging nieqes li hemm Gnien il-Palma.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Talab biex isir kanal li minn Triq Lorenzo Manche jibqa sejjer ghal Triq Antonio Schembri u jinghaqad ma' dak ta' Triq il-Mosta. Hu qal li hemm 26 triq li l-ilma taghhom qed jispicca kollu fil-bahar b'hela ta' 100 miljun litru ilma. Ghalhekk ghandha tintbaghat ittra t'Applikazzjoni lil-Ministeru tal-MRRA bi pjanti dettaljati li gew imhejjija minn Inginier fejn tinghata spjegazzjoni fuq il-progett rikjest.
- Saqsa jekk Gardina Dun Karm Pace jistax jiehu hsiebha individwu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni basta ma jinzerghux Yukki ecc u basta qal is-Sur Cordina li din tigi mizmuma senza nteresse. Is-Sur Spiteri qal li jista' jiffirma dikjarazzjoni li m'ghandux jedd fuqha.
- Irrimarka fuq skips privati ghax jemmen li hafna minnhom qed idumu iktar minn hmistax u li l-hlas ghalihom isir ghal ftit jiem biss. Ghandha tinghata iktar attenzjoni permezz ta' l-ghajnuna ta' Philip sabiex kull min ihallas ikun hallas ghal perjodu kopert.
- Talab li ssir laqgha fuq l-iskart u li din issir fuq Agenda ghaliha wehidha. Gew mghoddija kummenti bhal li ssir Bye-Law, li ma jingabarx skart kummercjali li jkun riciklabbli fil-granet tal-gbir ta' skart imhallat, kampanja mal-Greenpak. Is-Sur Stefan Cordina qal li qed issir diskussjoni mal-Greenpak dwar il-kampanja gbir bieb bieb fejn ha jibda jingabar hgieg ukoll u li din ghandha titpogga fuq l-agenda li jmiss. Qal ukoll li l-knis immeljora hafna u dan gie kkonfermat mis-Sur Bartolo ukoll. Is-Sur Spiteri saqsa kemm dan il-miljorament huwa sostenibbli. Is-Sur Borg qal li lesta pjanta fuq l-iskema tal-knis hekk kif kien ippropona fil-laqgha ta' qabel u li din ghandha tibda fil-granet li gejjin.

Is-Sur M. Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li Triq Sant'Anton issir No Entry Except for Resident. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din it-talba ga' saret u li giet rifjutata.

## 7. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm ghat-28 ta' Mejju fis-6pm.

________________________ ____________________

Sindku Data